MALTA

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2014

Numru. 729/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur James Grech**

**VS**

**Salvu Gauci, iben il-mejjet Anthony u Mary xebba Bonnici, imwieled Tal Pieta' nhar il-15 ta' Dicembru, 1959, u residenti Sunset Flats, 2B, Triq il-Port Ruman, Qawra, detentur tal-karta tal-identita' numru 13160M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Salvu Gauci** li gie akkuzat talli:

a. Nhar it-3 ta' Gunju, 2005, ghall-habta tal-1.30 ta' wara nofsinhar, f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom deheb, minn fond Flat 1, Jasmine Flats, Triq l-Iskuna, Qawra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, lok, u valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100.00) izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1,000.00) u li sar ghad-detriment ta' Maria Mifsud mill-Qawra;

b. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

c. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat illi fi stadju ta' interrogatorju, l-imputat wiegeb illi kien hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat li gew mibghuta l-Artikoli mill-Avukat Generali u li meta gew moqrija, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji, kif ukoll rega' rregistra l-ammissjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza li per parentesi twalu stante li l-imputat dam ghal zmien twil – snin, ma jidher ghal dawn il-proceduri. Skont PC 1357 dan ma setax jinstab.

Illi **Maryanne Zammit** xehdet diversi drabi f'dawn il-proceduri. Kienet anke prezentat Pre-Sentencing Report fejn kienet anke ghamlet rakkomandazzjonijiet; Dr Joseph Spiteri gie mahtur ghal dan l-iskop (vide folio 25 relazzjoni).

Qalet ukoll aktar tard, illi kien sar kuntatt ma' Dar Suret il-Bniedem biex forsi l-imputat darba li jinhareg mill-Forensic Unit jirrisjedi hemm.
Tidher illi din kienet kawza ta' kumpanija li kien jiffrekwenta u l-hin ta' rinkazar.

**Dr Joseph Spiteri** spjega li l-imputat kien bniedem ta' low IQ ghalkemm mentalment stabbli. Kien impulsiv hafna u jiehu l-kura. Qal illi kellu problemi socjali kbar, li kellu bzonn l-ghajuna. Spjega li klinikament kien ibaghti minn '*acute reaction to stress*'.

Rega' xehed il-Psikjatra, ghax fuq ordni tal-Qorti baqa' jsegwi lill-imputat (hawn fis-sena 2006), illi l-imputat dak iz-zmien kien ghamel progress. Baqa' nsistenti dak iz-zmien illi dan jigi segwit, allura ssugerixxa Probation Order.

Fis-sena 2014, id-Difiza tellghet bhala xhud lil certu **Simon Buttigieg**, kap tal-operat tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Qal dwar l-imgieba tal-imputat, illi dan kien qed jaghmel community work f'Dar il-Kaptan, kuljum kien johrog mill-Facilita'. Qal illi mal-imputat ma kellux problemi. Kien baqaghlu sas-sena 2017 biex jiskonta s-sentenza.

**Joseph Gerada**, amministratur ta' Dar il-Kaptan, ikkonferma dan is-servizz komunitarju tal-imputat. Qal illi s-servizz tieghu kien impekkabbli. Qal illi kien bniedem rispettat hafna gewwa Dar il-Kaptan.

Ikkunsidrat:

Illi bla dubbju ta’ xejn, l-imputat darba li rregistra ammisjoni li kkonferma, huwa b’accettazzjoni tieghu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, b’dan pero li l-Qorti tqis illi l-akkuza ta’ ricettazzjoni giet moghtija bhala wahd alternattiva;

Rat ghalhekk l-Artikoli 261, 263, 267, 269, 278, u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll l-Artikoli 49 u 50 tal-istess Kapitolu.

Dwar il-piena, rat ukoll il-fedina penali aggornata. Jidher illi l-imputat, ghalkemm ghamel progress u jidher illi miexi ‘l quddiem, pero sahansitra sas-sena li ghaddiet rega’ kkommetta reat ta’ serq iehor, nonostane l-fedina penali ferm refrattarja tieghu.

Tqis fil-fatt illi dan il-bniedem imur l-ahjar meta jkun fi hdan struttura fejn jinghata d-debita attenzjoni – ghaldaqstant wara li rat ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sittax(16)-il xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------